MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Numru. 328/2007

Il- Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

-vs-

Carol Camilleri

u

Osama Mohammed G. Benmilud

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l- imsemmija Carol Camilleri ta' 28 sena bint Alfred u Maria Concetta nee' Magro, imwielda Pieta' fit- 23 ta' Gunju 1978, residenti 'Angel',

Flat 2, Sqaq il- Ghadam, Mriehel, detentrici tal- Karta ta' l-identita' bin- numru 306378M

U

Osama Mohamed G. Benmilud ta' 30 sena, bin Mohamed u Zenab nee Demerdax imwieled Tripli, Libja fid- 19 ta' Jannar 1977, residenti 'Angel', Flat 2, Sqaq il- Ghadam, Mriehel, detentur ta' passaport libjan bin- numru H268524 u karta tal- Identita' Maltija bin- numru 39597A.

Akkuzati talli f' dawn il- Gzejjer, fis- 17 ta' Jannar 2007 jew f' xi perjodu qabel, b' xi mod li jkun, xjentment, ghenu jew assistew lill propjetarja ta' Motor Tests Services Ltd., u/jew testers impjegati ma' l- istess kumpanija, f' atti illi bihom dawn ghamlu falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerjcjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il- pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l- atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe' certifikat tal- VRT falz.

Kif ukoll talli f' dawn il- Gzejjer, fis- 17 ta' Jannar 2007 jew f' xi perjodu wara, xejntement ghamlu uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza, u cioe' certifikat tal- VRT falz;

U aktar talli f' dawn il- Gzejjer fis- 17 ta' Jannar 2007, jew f' xi perjodu qabel, b' xi mod li jkun, xjentement, ghenu jew assistew lill- propjetarja ta' Motor Tests Services Ltd., u/jew testers impjegati ma' l- istess kumpanija, fl- atti illi bihom dawn minhabba l- kariga jew l-impjieg taghhom, kienu fid- dmir li jaghmlu jew jaghtu dikjarazjoni jew certifikat, ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, u cioe' certifikat tal- VRT falz.

U kif ukoll talli f’ dawn il- gzejjer, fis- 17 ta’ Jannar 2007 jew f’ xi perjodu wara, xejntement ghamlu uzu minn dikjarazzjoni jew certifikat falz, u cioe’ certifikat tal- VRT falz;

U aktar talli f’ dawn il- Gzejjer, fis- 17 ta’ Jannar 2007 jew f’ xi perjodu qabel, b’ xi mod li jkun xjentement, ghenu jew assistew lill- propjetarja ta’ Motor Tests Services Ltd. u/jew testers impjegati ma’ l- istess kumpanija, fl- atti illi bihom dawn ghamlu falsifikazzjoni fi skrittura privata li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli, u cioe’ certifikat tal- VRT falz;
Kif ukoll talli f’ dawn il- Gzejjer, fis- 17 ta’ Jannar 2007 jew f’ xi perjodu wara, xjentement ghamlu uzu minn skrittura privata falza li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli, u cioe’ certifikat tal- VRT falz;

U aktar talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f’ xi document mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjononi jew stqarrija falza, jew taw tgharif falz, u cioe certifikat tal- VRT falz;

Il- Qorti giet mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill- akkuzati ghal- hlas ta’ spejjez li jkollhom x’ jaqsmu mal- hatra ta’ esperit jew periti fil- proceduri hekk kif ikkontenplat fl- art. 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat in- nota ta’ l-Avukat Generali u l-kunsens ta’l-imputati.

Rat id-dokumenti prezentati.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom anke wara li l-Qorti fissritilhom l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghthom zmien biex jahsbuha.

Rat l-artikoli 42(d), 183, 184, 185(2), 186, 187(1)(2) u 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali ta’ l-imputati.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi f'l-udjenza tat-28 ta' Mejju 2007 l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom. L-imputazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-kooperazzjoni ta'l-imputati mal-pulizija, l-ammisjoni taghhom, mhux biss f'l-istqarrija, imma anke f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fedina penali netta ta'l-imputati u n-natura tar-reat. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hi tal-fehma li piena karcerarja mhix indikata.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 42(d), 183, 184, 185(2), 186, 187(1)(2), u 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati Carol Camilleri u Osama Mohamed G. Benmilud hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberahom bil-kundizzjoni li ma' jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn (2) mill-llum. Il-Qorti spejgat lill-hatja bil-konsgwenzi skond il-Ligi jekk jaghmlu reat iehor matul dan il-perjodu ta' sentejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------